

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali;
- tiddeċiedi dwar il-mertu u tannulla r-Regolament 397/2004 ⁽¹⁾ jew tirrinviya l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikors għal annullament; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti sostni l-argumenti li ġejjin:

- Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-appellanti ma kellha l-ebda interess ġuridiku dwar it-tieni u t-tielet motivi. Fid-deċiżjoni tagħha dwar jekk l-appellanti għandhiex interess ġuridiku, il-Qorti Ġenerali għandha tiegħu inkunsiderazzjoni il-provi u l-informazzjoni kollha prodotti quddiemha u teżamina l-kuntest globali tal-kawża. L-iżbalji fil-kalkoli tal-marġni tad-dumping mill-Kunsill huma metodoloġiċi u jistgħu jergħu jsiru fil-futur.
- Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet, mingħajr eżami xieraq tal-argumenti tar-rikorrenti (f'ċerti każijiet mingħajr bl-ebda mod ma eżaminathom), li l-bidla fil-produzzjoni mill-industrija tal-Unjoni lejn segment ta' valur għoli tas-suq tal-Unjoni tal-friex tas-sodda u ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' friex tas-sodda mill-produtturi Torok relatati mal-industrija tal-Unjoni ma kistrux ir-rabta kawżali bejn id-dumping allegat u d-dannu materjali allegatament subit mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali jirriżultaw minn żnaturament tal-fatti kif ippreżentati fir-Regolament 397/2004 u minn klassifikazzjonijiet ġuridiċi żbaljati tal-fatti.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 397/2004 tat-2 ta' Marzu 2004 li jimponi dazju kontra d-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' friex tas-sodda tal-qoton li joriġinaw mill-Pakistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 50, p. 26)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Pitești (ir-Rumanija) fis-27 ta' Frar 2017 – SC Cali Esprou SRL vs Administrația Fondului pentru Mediu

(Kawża C-104/17)

(2017/C 168/29)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Pitești

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Cali Esprou SRL

Konvenuta: Administrația Fondului pentru Mediu

Domanda preliminari

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 94/62/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 1994, dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ⁽¹⁾, jista' jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-adozzjoni, minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq nazzjonali prodotti ppakkjati u mballaġġ, mingħajr ma jibdilhom b'ebda mod, u li jbiegħhom fl-istess forma lil operatur ekonomiku, li min-naħa tiegħu jbiegħhom lill-konsumatur finali, fejn l-ammont tal-kontribuzzjoni huwa stabbilit għal kull kilogramma, fuq il-bażi tad-differenza bejn, minn naħa, il-kwantitajiet ta' skart mill-imballaġġ li jikkorrispondu għall-għanijiet minimi ta' rkupru jew ta' inċinerazzjoni f'impjanti ta' inċinerazzjoni b'irkupru tal-enerġija u b'irkupru permezz tar-riċiklaġġ u, min-naħa l-oħra, il-kwantitajiet ta' skart mill-imballaġġ effettivament irkuprat jew inċinerat f'impjanti ta' inċinerazzjoni b'irkupru tal-enerġija u b'irkupru permezz tar-riċiklaġġ?

⁽¹⁾ Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 1994, dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 13, p. 349).